**28 ta' Ottubru, 1994**

**Imhallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Emanuel Lawrence Vella fil-kwalità tiegħu ta' amministratur ta' l-eredità ta' Natalizia Magri

*versus*

Bernardina armla ta' Joseph D'Amato

**Eċċezzjonijiet - Eċċezzjonijiet Dilatorji - Kompetenza - Art. 47(3), 782(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*L-attur aġixxa għall-kundanna tal-ħlas għal arretrati ta' kera. Ġie eċċepit inter alia illi l-attur għandu jipprova t-titolu tiegħu u f'Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri li l-Qorti kienet inkompetenti għaliex kwistjonijiet ta' proprjetà huma ta' kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat l-insenjament illi l-eċċezzjonijiet dilatorji għandhom jingħataw fil-bidu tad-difiża "in limite litis" u għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ma setgħetx tingħata bħala eċċezzjoni ulterjuri.*

*Il-mertu tat-talba b'ebda mod ma jqajjem kwistjonijiet dwar proprjetà ta' immobbli u għalhekk ma kienx applikabbli l-art 47(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.*

*Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) li bih l-attur talab lil dik il-Qorti biex tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' għaxar liri Maltin u ħmistax-il ċenteżmu rappreżentanti **arretrati ta' qbiela** tal-għalqa ta' Tlejlu fil-kontrada tal-Ħotba limiti Qrendi;

Bl-interessi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tas-27 ta' Jannar, 1992, u ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu, 1992, u ta' l-ittra legali tad-9 ta' Marzu, 1992, kontra l-konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha teċċepixxi bir-rispett:

1. Illi *in linea* preliminari l-attur irid jipprova l-kwalità tiegħu minnu allegata;

2. Illi l-attur irid jipprova it-titolu tiegħu fuq l-art in kwistjoni;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-art in kwistjoni kienet ilha fil-pussess tal-konvenuta D'Amato għall-aktar minn tnejn u tletin sena u dana bħala sid b'mod kontinwu, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku;

4. Illi b'kuntratt iddatat 31 ta' Mejju, 1992, ippublikat fl-atti tan-nutar Joseph Lia l-konvenuta kkonċediet in enfitewsi perpetwa l-art in kwistjoni lil Carmen mart Annunziato Mifsud, Mary mart Carmelo Galea, John D'Amato, Paul D'Amato, Joseph D'Amato u Anthony D'Amato indaqs u solidalment bejniethom;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri li biha eċċepiet l-inkompetenza ta' dik il-Qorti "peress illi hija kkontestat it-titolu ta' proprjetà ta' l-atturi u dana a tenur ta' l-artikolu 47 tal-Kap. 12";

Rat is-sentenza tat-2 ta' Diċembru, 1993, tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (Malta) li biha hi ċaħdet l-eċċezzjoni **ulterjuri** tal-konvenuta bl-ispejjeż.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hi hekk motivata:

"Kif qalet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede

Kummerċjali) fil-kawża fl-ismijiet "Antonio Cassar noe vs Boris Arcidiacono", tal-15 ta' Jannar, 1992, "l-eċċezzjonijiet dilatorji, kif jgħid l-art 782 (2) Kap. 12, għandhom kollha jingħataw fil-bidu tad-difiża; u din l-eċċezzjoni ta' inkompetenza "*rationae materiae*" hija naturalment eċċezzjoni ta' natura dilatorja u għandha ssegwi din ir-regola. U tkompli dina s-sentenza: "Tali eċċezzjoni mhix ammissibbli jekk ma tingħatax fil-bidu tal-kawża - *in limine litis* - għaliex altrimenti tfisser li tkun trid terġa' tiġi ripetuta proċedura ġa inoltrata, quddiem Qorti oħra u dan imur kontra l-ekonomija tal-proċess ġudizzjali li eċċezzjoni bħal dik ma tiġġustifikax";

Fil-każ in eżami, l-attur kien spiċċa l-provi tiegħu u l-fażi preliminari kienet ilha li ġiet superata, anzi wieħed jista' jgħid li l-kawża kienet waslet f'nofs proċess, u l-attur tella' lill-konvenuta in subizzjoni. Il-kompetenza ta' dan il-Qorti ġiet radikata u għalkemm il-konvenuta kienet taf b'dina l-eċċezzjoni u x'kienet ser tikkontesta, l-istess ħalliet l-proċeduri jimxu u jaslu fl-istadju li waslu, qabel ipproponiet l-eċċezzjoni ulterjuri;

Għalhekk l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta qed tiġi respinta;"

Il-konvenuta appellat min din is-sentenza fuq dawn l-aggravji:

1. Li l-Artikolu 47 (3) tal-Kap. 12 jistipula li kwistjonijiet ta' proprjetà ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Qorti Inferjuri;

2. Li l-Artikolu 774 tal-Kap. 12 "jimponi fuq il-Qorti stess li tiddikjara l-inkompetenza tagħha meta l-azzjoni mhix fil-kompetenza tagħha;

3. Li l-konvenuta tissottometti illi l-eċċezzjoni mogħtija ma

kinitx waħda ta' natura dilatorja u "ingħatat fin-nuqqas ta' azzjoni ta' l-Ewwel Qorti";

L-aggravju ta' l-appellanti ma jirriżultawx ġustifikati. Il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti li straħet fuq l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Antonio Cassar nomine vs Boris Arcidiacono" deċiża fil-15 ta' Jannar, 1992, hi korretta. "L-eċċezzjonijiet dilatorji, kif jgħid l-artikolu 728 (2) tal-Kap. 12 għandhom kollha jingħataw fil-bidu tad-difiża, u din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "*rationea materiae*" **hija naturalment ta' natura dilatorja** u għandha ssegwi din ir-regola:

"*L'eccezzione però d'incompetenza relativa nelle cause ordinarie dev'essere proposta prima della contestazione della lite per non farse presumere prorogata la giurisdizione del giudice*";

Jgħallem Sir Antonio Micallef fit-"Trattato delle Procedure Civili - Primo Tomo - pag. 199". Il-Qorti setgħet waqfet hawn. Iżżid però s-segwenti li hu rilevanti għas-sottomissjonijiet ta' l-appellanti:

1. Hu veru illi l-kompetenza tal-Qorti hija arġinata mhux biss bit-termini tat-talba attriċi, imma wkoll bin-natura ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija. Però dana biss f'dawk il-każijiet fejn id-determinazzjoni tat-talba tiddependi minn, u tippresupponi deċiżjoni fuq eċċezjoni li teżorbita mill-kompetenza tal-Qorti li tkun qed tieħu konjizzjoni tal-mertu;

2. It-talba ta' l-attur *nomine* f'din il-kawża hi biss għall-kundanna għall-ħlas ta' arretrati ta' qbiela allegatament dovuti mill-konvenuta. Talba li tirrikjedi biss il-prova li l-ammont hu dovut u li hu dovut lill-attur *nomine*. Ma hu meħtieġa l-ebda

deċiżjoni dwar il-**proprjetà** tal-fond li tiegħu qed jintalab il-ħlas tal-qbiela **sakemm din il-proprjetà ma tiġix ikkontestata mill-konvenut**, anke jekk tista tkun meħtieġa **prova** li l-attur *nomine* kien il-proprjetarju tagħha biex jiġi deċiż li hu kreditur tal-konvenut. Sakemm issir biss din il-prova, mhux in kontestazzjoni tat-titolu, l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma tkun qed tippreġudika jew tmur oltre il-kompetenza tagħha;

3. Fl-eċċezzjonijiet oriġinali tal-konvenuta infatti hi teċċepixxi illi "l-attur irid jipprova t-titolu tiegħu fuq l-art in kwistjoni". Dan fil-fatt mhux korretta. L-aspett tat-titolu kellu jiġi biss investigat jekk il-konvenuta tagħti l-eċċezzjoni illi l-attur *nomine* **ma kienx** il-proprjetarju tal-fond. Eċċezzjoni formali f'dan is-sens ma ngħatatx;

4. Ingħatat però eċċezzjoni oħra li timplika li l-konvenuta kienet issostni li l-attur nomine ma kienx il-proprjetarju. Dan għaliex eċċepiet "bla preġudizzju" illi l-art kienet ilha fil-pussess tagħha għal aktar minn 32 sena u dana bħala sid b'mod kontinwu, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Donnu allura li l-konvenuta qed teċċepixxi li hi l-propjetarja tal-fond *de quo* b'titolu ta' preskrizzjoni akkwisttiva u dana allura impliċitament **jeskludi** li l-attur *nomine* hu l-attwali proprjetarju;

5. Hu ovvju illi l-kwistjoni tal-proprjetà ma tistax tiġi ventilata u deċiża *ope exceptionis* u tista' tiġi determinata biss b'azzjoni *ad hoc* **tentata minn min ikun qed jallega l-akkwist tat-titolu**. Azzjoni li naturalment teżorbita mill-kompetenza tal-Qrati Inferjuri u għandha allura tiġi promossa quddiem il-Qrati Superjuri, jekk il-konvenuta għandha tali interess. Azzjoni li l-eżitu tagħha jkun direttament jinfluwixxi fuq il-meritu tal-preżenti stanza, imma li mhux b'daqshekk tirrendi nkompetenti lill-Ewwel

Qorti milli tieħu konjizzjoni tat-talba fl-avviż, li fit-termini limitati tagħha indubbjament taqa' fil-kompetenza tagħha. Anke jekk ikun għaqli u opportun li l-Ewwel Qorti tissopprassjedi jekk u meta l-azzjoni li tikkontesta t-titolu ta' proprjetà ta' l-attur *nomine* tiġi intavolata ;

6. Fil-fehma tal-Qorti allura l-mertu tat-talba fl-avviz bl-ebda mod ma jqajjem kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' l-immobbli u allura mhux applikabbli s-subinċiż (3) ta' l-artikolu 47 tal-Kap. 12. Il-kontestazzjoni dwar il-proprjetà ġiet issollevata - anke jekk impliċitament - mill-konvenuta fl-eċċezzjonijiet tagħha, u sta għaliha li tipprova t-titolu tagħha f'azzjoni *ad hoc* quddiem il-Qorti kompetenti. Sakemm tagħmel dan il-kompetenza ta' l-Ewwel Qorti tibqa' bla mittiefsa;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tirriġetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tirrimetti l-atti quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu mill-appellanti.